31998R1549

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1549/98

tas-17 ta' Lulju 1998

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi, għal ċerti ismijiet innotifikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, intalab tagħrif addizzjonali sabiex jiġi żgurat illi ħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament; billi dan it-tagħrif addizzjonali juri illi d-denominazzjonijiet iħarsu l-Artikoli msemmija; billi għalhekk għandhom jiġu rreġistrati u miżjuda fl-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1107/96 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 644/98 [4];

Billi, wara l-adeżjoni ta' tliet Stati Membri ġodda, il-perjodu taż-żmien ta' sitt xhur ipprovdut bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 irid jibda mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom; billi whud mid-denominazzjonijiet innotifikati minn dawn l-Istati Membri jħarsu l-Artikoli 2 u 4 ta' dan ir-Regolament u għalhekk għandhom jiġu rreġistrati;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-Oriġini,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Id-denominazzjoni fl-Anness ma' dan ir-Regolament huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1107/96.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.
[3] ĠU L 148, tal-21.6.1996, p. 1.
[4] ĠU L 87, tal-21.3.1998, p. 8.

L-ANNESS

A. **IL-PRODOTTI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM ELENKATI FL-ANNESS II MAT-TRATTAT**

Il-Laħam frisk (u l-interjuri)

L-ITALJA

— il-Mortadella Bologna (PGI)

Iż-Żjut u x-xaħmijiet

Iż-żejt taż-żebbuġa

IL-GREĊJA

— Ζάκυνθος (Iż-Zakynthos) (OFJ)

— Σάμος (Is-Samos) (OFJ)

Il-Frott, il-ħaxix ta' l-Ikel, iċ-ċereali

IL-GREĊJA

— Κορινθιακή Σταφίδα Βοστίτσα (Il-Korinthiaki Stafida Vostitsa) (OEM)

— Φασόλια (Γίγανες Ελέφαντες) Πρεσπών Φλώρινας (Il-Fasolia Gigantes Elefantes Prespon Florinas) (OFJ)

— Φασόλια (Πλακέ Μεγαλόσπερμα) Πρεσπών Φλώρινας (Il-(Fasolia Plake-Megalosperma) Prespon Florinas) (OFJ)

B. **L-OĠĠETTI TA' L-IKEL ELENKATI FL-ANNESS I MAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2081/92**

Il-Birra

IL-ĠERMANJA

— il-Münchner Bier (PGI)

— il-Kulmbacher Bier (PGI)

— il-Hofer Bier (PGI)

— id-Dortmunder Bier (PGI)

— il-Mainfranken Bier (PGI)

— il-Bremer Bier (PGI).